MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1554/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza**
**tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Plc u**
**dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Anthony Marmara a bazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive**
**u tal-ligi u l-istess Anthony Marmara**

**Vs**

**Victor Pisani**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li bih l-atturi talbu li l-konvenut ihallas Lm317.03c (tlett mija u sbatax-il lira Maltin u tlett centezmi) rapprezentanti danni kkagunati f'incident tat-traffiku li sehh unikament tort tal-konvenut minhabba

traskuragni, mperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra r-Risposta tal-konvenut li ddikjara li mhux responsabbli ghall-incident.
Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn il-konvenut ighid li kien gej mid-direzzjoni tal-knisja u niezel lejn Ghajn Kajjet meta hass daqqa. Jghid ukoll li ma rahiex il-vettura l-ohra. Marmara qalet li kienet qed tirriversja mill-*parking* u baqghet fuq is-*side* taghha.

Ra x-xhieda ta’ PS 1225 Mario Fenech, prodott mis-socjeta’ attrici, fejn jikkonferma li nvestiga dan l-incident u kien ukoll anke sar *breathalyzer test* fil-konfront tal-konvenut. Ighid li ma sabx trab ma’ l-art u ghalhekk ma setax jikkonkludi ezattament fejn kien l-impatt. PS 1225 ikkalkula li l-habta saret fejn hemm il-vettura EBF 492 ta’ Marmara ghaliex wara l-habta l-istess vettura baqghet fejn kienet u ma setghetx tinstaq.

Ra x-xhieda ta’ Anna Maria Marmara fejn tghid li kienet ipparkjata wiccha lejn il-hajt, bdiet tirriversja u harget fit-triq. Tghid li f’daqqa wahda giet karozza mill-faccata taghha u taha daqqa fuq il-genb ta’ wara fejn qabzet il-*lane* u marret fuq il-*lane* tal-lemin. Tikkonferma li qabel il-habta kienet fuq is-*side* taghha. Taqbel ma’ l-iskizz.

Ra x-xhieda ta’ Dorianne Ellul, prodotta mis-socjeta’ attrici, fejn tikkonferma li qalet Anna Maria Marmara.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn ighid li kien isuq l-isfel ir-Rabat u f’salt wiehed harget karozza b’lura minn go *parking* izda ma kellux cans jaghfas il-*brake* u ghalhekk laqatha fuq wara bil-*mudguard* tieghu. Jghid li kien hemm it-trab fl-art fejn indikaw l-impatt. Jaqbel ma’ l-iskizz. Jikkonferma li ghall-ewwel kien irrifjuta li jaghmel *breathalyzer test* izda mbaghad mar. Ighid li l-karozza tieghu baqghet miexja ma’ l-impatt u l-hsara kienet fuq il-*mudguard* tan-naha tieghu.

Ra x-xhieda ta’ Carmen Pisani, prodotta mill-konvenut, li kienet passigiera, fejn tghid li semghet biss il-habta. Tikkonferma li l-vettura tal-konvenut kienet fuq in-naha tax-xellug fejn suppost.

Ra x-xhieda ta’ Sonya Gellel, prodotta mill-konvenut, li kienet miexja ghall-karozza taghha dakinhar ta’ l-incident fejn rat lil Anne Maria Marmara tirriversja u l-konvenut gie bi speed qawwi u baqa’ diehel fuq wara tal-vettura taghha. Tghid ukoll li Marmara kienet fil-*lane* taghha u dritta fil-mument tal-habta.

Illi huwa maghruf li “f’kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b’tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort.  Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara tort ta’ l-attur.  Dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident ikun ta’ l-attur imma semplicement ghaliex ma jkunx irnexxielu jipprova li allega bhala bazi ta’ l-azzjoni tieghu (**Mallia noe Vs Anastasi PA 3/10/1996**).

Illi Anna Maria Marmara, Dorianne Ellul u Sonya Gellel kollha qalu li Anna Maria Marmara baqghet fuq is-*side* taghha.
Il-konvenut ighid li qatt ma mar fuq il-*lane* tal-konvenuta. Mill-iskizz u mill-verzjoni tal-pulizija jirrizulta li m’hemmx indikazzjoni tal-*point of impact*.

Illi fil-ktieb Charlesworth & Percy (On Negligence) jinghad “When there is a collision between two motor vehicles in the highway and there is no evidence pointing to one driver being any more to blame than the other, the proper inference to be drawn is that they are both to blame….even though there is some indication that one of them might have been on his wrong side of the road.” (Ara wkoll **Mercieca Vs Grima Tribunal ghal Talbiet Zghar Ghawdex 13/5/2002**).

Illi f’din il-kawza Anna Maria Marmara kienet qieghda tirriversja ghal fuq il-*main road* – kellha toqghod attenta fil-

manuvra taghha.  Il-konvenut kellu jzomm *a proper look out* u jara dak li kien hemm fit-triq.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jiddikjara li z-zewg sewwieqa kienu responsabbli ghall-incident.

Id-danni ma gewx kontestati.

Ghaldaqstant jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-ammont ta' Lm158.51c (mija u tmienja u hamsin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu) bl-imghax mid-data tas-sentenza.  L-ispejjez bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------